IL-BIRGU
Città Vittoriosa

**Kunsill Lokali Birgu**

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

---

**Minuti tal-Laqgha 08 (07)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa` ghall-Laqgha Numru 8 (07) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru, 2015 fil-hamsa u nofs inhar (5:30pm).

It-Tmien (08) Laqgha tas-Sebgha Kunsill inzammet b'din l-Agenda :

- **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha No 7 (07) u l-Kontinwazzjoni taghha**
- **Korrispondenza**
- **Il-Kwistjoni tal-Imwejjed u Siggijiet**
- **Birgufest 2015**
- **Rendikont ta' Jum il-Birgu 2015**
- **Referendum Torri tal-Arlogg**
- **Skeda ta' Pagamenti**

**Prezenti**

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, Il-Vici-Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard,Il-Kunsillier, is-Sur Eman Zerafa, Il-Kunsillier, is-Sur Anton Gellel, Is-Segretarju Ezekuttiv, Is-Sinjura Tania Belfiore.

**Talba**

Is- Sindku qal it-talba u taha bidu ghall- Laqgha numru 8(07).

**Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha 7(07)**

Il-Minuti ta-Sebgha (07) Laqgha tas-Sebgha Kunsill u li gew iccirkolati qabel il-laqgha, nqraw mis-Segretarju Ezekuttiv, u gew approvati b'mod unanimu.

**Arising**

- **Is-Sistema tad-dawl li thaddem il-pelican lights –** Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk kienx sarx komunikat mill-kumpanija Smart Lights Ltd rigward id-dwal qrib Cafe Riche li suppost kellu jigi nstallat fil-bidu ta' Settembru. Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet fin-negattiv u giet mitluba mis-Sindku sabiex l-ghada stess tikkuntattja lill-istess kumpanija sabiex din il-problema tissolva.

- **Disinni Artistici ta' kif huma ppjanati li jigu rinovati l-Klabb tar-Regatta u l-Latrina Biswit** – Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv rigward irriimborz tal-flejjez li kienu nhargu meta saret l-applikazzjoni precidenti li kien giet rifjutata mill-Mepa. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Perit Claude Busuttil kellu jiehu azzjoni meta jaslu l-kontijiet tat-tieni applikazzjoni li saret ghal dan ir-rinovar.

- **Il-Lanca Mitluqa it-Toqba** - Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li l-lanca mitluqa t-Toqba tnehhiet bl-ghajnuna tal-Min. Joe. Mizzi.

- **Spunt minn korrispondenza li nqrat fil-laqgha precidenti minghand Noel Zammit (Heritage Malta)** – Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex titlob informazzjoni minghand Noel Zammit tal-Heritage Malta rigward meta x-xabla ta' La Vallette kellha tittieheb biex tigi esposta f'wirja ulterjuri gewwa l-Belt.

- **Spunt minn korrispondenza li nqrat fil-laqgha precidenti rigward Il-Konferenza tal-European Walled Towns li ser issir gewwa Ravenna (Italja)** – is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti li kien ser jattendi hu ghal din il-laqgha biex jara ezattament is-sitwazzjoni prezenti ta' din l-assocjazzjoni.

- **Progett WELCOME li ser issir gewwa Taormina (Sqallija) –** Is-Sindku informa lill-membri tal-kunsilll li-Pirjol, Fr Frank Borg, informa lill-Kunsill li setax jattendi ghal din il-konferenza, filwaqt lil Fr John Avellino ghadu ma tax risposta. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li hi kkuntattjat lis-Sur Brian Farrugia mill-Ministeru Djalogu Socjali, Drittijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili sabiex tara jekk kienx lest li jattendi din il-laqgha f'isem il-Kunsill. Is-Sur Brian Farrugia accetta pero kien qieghed jistenna l-'go ahead' mill-Ministeru tieghu

sabiex ikun jista' jattendi. Infurmat ukoll lill-kunsill lis-Sur JC Azzopardi gab informazzjoni rigward is-suggett Mare Nostrum mill-Ministeru ghall-Affarijiet Interni. Is-Sindku staqsa lill-kunsilliera prezenti jekk kienx hemm xi hadd minnhom li seta' jakkumpanjah fl-ahhar jemejn ta' din il-konferenza. Kollha wiegbu fin-negattiv.

- **Birgu Fest 2015 –** Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara r-rizenja tal-iskrivana Lindsay Aquilina, li kienet giet inkarigata sabiex taghmel il-poster tal-Birgu Fest huwa ta l-inkarigu ta' dan il-poster lill-Melvin Degiorgo. Huwa talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex b'mod immedjat tohrog it-tenders tad-dawl u tas-sound ghal din l-attivita'. Informa wkoll lill-Kunsill li sa issa l-fondi ghal Birgu Fest kienu jikkonstu fl-€15,000 li jinghataw mill-gvern centrali, u zewg donazzjonijiet ta' €100 il-wahda mill-BOV u minghand Frank Salt.

- **Jum il-Birgu 2015 –** Is-Sindku xtaq jingbed l-attenzjoni tal-Kunsill u specjament tal-Vici Sindku rigwardi l-vot ittiehed b'konnessjoni tal-Unur ta' Gieh il-Birgu 2015. Huwa nfurmhom li r-rizultat huwa ta' 3 favur u mhux 4, ghaliex ghalkemm qabel ma ttiehed il-vot, il-Vici Sindku wera x-xewqa tieghu, huwa kien assenti minhabba impenji ta' xoghol, waqt li ttiehed l-imsemmi vot. Informa wkoll lill-kunsill li d-diskors ta' Jum il-Birgu ma sarx minhabba problema ta' hin.

- **Korrispondenza minghand is-Sezzjoni Zghazagh Palmisti Belt Vittoriosa–** Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-talba minn din l-ghaqda sabiex jintfew l-ewwel zewg bozoz f'diversi toroq kif ukoll il-bozoz tal-pjazza saret a' spejjez tal-kunsill.

- **Korrispondenza minghand Ritienne Stanyer dwar il-kwesjoni tal-appell li sar wara li l-MEPA irrifjutat l-applikazzjoni ghal kiosk fuq Belvedere–** Is-Sindku sahaq li waqt is-seduta tal-appell li ser ssir fl-20 t'Ottubru, 2015 ghandhom jattendu l-Kunsillier Lawrence Attard u l-Avukat Dr. Larry Formosa.

- **It-talba ghal Zieda ta-fanali fi Triq il-Mina l-Kbira**- Iis-Sindku wera x-xewqa sabiex tintalab informazzjoni minghand il-Perit Mario Ellul rigward x'qieghed isir sabiex jizdiedu il-fanali fi Triq il-Mina l-Kbira. Il-Kunsillier Gellel informa lill-Kunsill li informalment huwa talab informazzjoni fuq id-dwal tal-lokalita' minghand ufficjali tal-kumpanija RVC. Il-Kunsillier Gellel ssugerixxa wkoll li ghandhom isiru laqghat formali mal-periti, inginiera, ecc. ikkoncernati. Is-Sindku sahaq li jekk fl-eventwalita' jinbena t-torri tal-arlogg irid isir

studju minn qabel minn fejn ghandhom jghaddu l-cables tad-dawl.

- **Kwotazzjoni ghall-Printer Gdid** – Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv jekk giex mixtri printer gdid. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li fil-prezent ma kienx possibli finanzjarjament u li qeghda tistenna l-allokazzjoni sabiex wiehed ikun f'pozizzjoni ahjar biex jara jekk dan jistax jinxtara.

- **Laqgha tas-Sindku mas-Sur Arthur Ciantar, President German-Maltese Circle** – Wara laqgha li s-Sindku kellu mas-Sur Ciantar sabiex il-Kunsill jikkonsidera gemellagg taz-zaghzagh mal-Kunsill Lokali Korntal-Muenchingen, il-Germanja.

- **Kwotazzjonijiet** – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sal-hin tal-gheluq, ma ntefghu l-ebda kwotazzjonijiet/tenders ghas-Servizzi ta' Responsabilitajiet ghal Qabel, Waqt u Wara Attivitajiet Socjali f'Couvre Porte', ghall-Manutenjonijet tat-Toroq u tal-Bankini, kif ukoll ghal 'Professional Services for Junior Science Club Animator.

  Bi qbil unanimu, gie deciz li jergghu johorgu l-offerti ghal dawn il-kwotazzjonijiet/tenders, b'dik tal-'Professional Services for Junior Science Club Animator', tinhareg b'urgenza ghal-zmien ta' gimgha minhabba li dan is-servizz edukattiv kellu jibda f'Ottubru, 2015.

- **By-Law ghal Barbecues** – Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex titlob lill-Avukat tal-Kunsill parir rigward dan is-suggett.

**<u>Gbir tal-Iskart mill-Istabbiliment Kummercjali fil-Birgu</u>**

Is-Sindku gharraf lill-Kunsilliera prezenti li l-ghada 15 ta' Settembru, 2015 hemm laqgha ppjanta mas-sidien tal-hwienet kollha tal-lokalita' fejn fost affarijiet ohra kienu ser jigu nfurmati rigward d-decizjoni unanima li ttiehdet mill-kunsill cioe' li b'effett mill-1 t'Ottubru, 2015 s-sidien tal-istabbilimenti kummercjali fil-Birgu li jinkludu l-bars, restaurants, kazini u wine bars ser jigu mitluba jhallsu €40 fix-xahar ghall-iskart li jingabar minn quddiem l-istabbilimenti rispettivi taghhom. Huma kienu ser jigu nfurmati wkoll li dan il-hlas, li ser jithallas kull xahar bil-quddiem, kien ser jingabar mill-Kunsill sabiex l-istess kunsill jaghtih lill-kuntrattur.

**<u>KORRISPONDENZA</u>**

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Anthony Gellel - Kunsillier, Eman Zerafa - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier
Tania Belfiore – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku pogga fuq il-mejda sabiex tigi diskussa il-korrispondenza li tidher hawn taht mibghuta/ricevuta mill-Kunsill Lokali tal-Birgu.

**Sensiela ta' korrispondenza elettronika lid-Dipartiment ghall-Kunsilli Lokali u twegibiet mill-istess dipartiment rigward Talba ghall-Impjieg ta' Skrivan (Skala 15) Full time fil-Kunsill Lokali tal-Birgu** – Is-Segretarju Ezekuttiv informat lill-Kunsill li hekk kif is-Sjra. Lindsay Aquilina tat ir-rizenja taghha, Hija (Is-Seg. Ezek) immedjatament bdiet il-process mad-DLG sabiex tohrog sejha interna ghal-post vakant. Wara li fid-data tal-gheluq ma ntefghet l-ebda applikazzjoni, is-Seg. Ezekuttiv ghamlet talba lill-ETC sabiex jibda l-process ta' ftuh tal-applikazzjonijiet minn naha taghhom.

**Imejl li tikkoncerna skambju ta' zaghzagh ghal progett 'Learning is Fun'Erasmus+** . Is-Sindku talab lil Vici Sindku Trevor Mizzi sabiex jiehu l-inkarigu taghha.

**Kopja tal-Memorandum of Understanding tal-Ftehimbejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u il-Kunsill Konsulattiv ghan-Nofsinhar ta' Malta.** Dan il-ftehim kellu jigi ffirmarmat mis-Sindku u s-Sur Silvio Parnis, Chairperson tal-Kunsill Konsultattiv ghan-Nofsinhar ta' Malta, nhar il-Hamis 17 ta' Settembru, 2015.

**Sensiela ta' korrispondenza elettronika bejn il-kumpanija tal-Accountants Nexia Bt u l-Kunsill Lokali tal-Birgu.** Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tikkomunika mal-accountants u titlobhom biex jiffinalizzaw ix-xoghol pendenti. Din l-insitenza qeghda ssir fid-dawl li Nexia Bt tilfu t-tender. Il-kumpanija li rnexxielha tirbah it-tender hija Parker Randell Turner, liema tender kienet l-irhas. Il-kunsill qabel unanimament li l-mizata tal-accountant trid tinhareg darba fix-xahar, kemm il-darba ix-xoghol mitlub mill-kunsill isir fiz-zmien stabbilit.

**Sensiela ta' korrispondenza elettronika bejn il-Kunsill u l-Perit David Vassallo**, fejn il-Perit Vassallo gharraf lill-Kunsill li x-xoghlijiet ta' rikonstruzzjoni fi Triq San Lawrenz ser jibdew fid-29 ta' Settembru. Minn naha l-ohra, it-twegiba minn naha tal-kunsill kienet li x-xoghol jinbeda fit-12 t'Ottubru, wara l-Birgfest jew inkella isir sforz biex jigu konkluzi x-xoghlijiet fi Triq Desain u Triq Kardinal halli jkun jista' jibda b'effett immedjat ir-rikonstruzzjoni fi Triq San Lawrenz. Dan sabiex ghal Birgufest ma jkunx hemm kullimkien maghluq. Is-Sindku informa lill-kunsill li ghamel talba lill-Min. Joe Mizzi sabiex ic-cint tax-Xatt jinbidel u jsir hadid. It-twegiba tal-Min. Mizzi kienet li minhabba l-finanzi din it-talba ma tistax tigi milqugha fl-immedjat.

**Il-Kick off Meeting tal-Progett Let Us Not Forget.** Il-Kunsill gie infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Isla li l-ewwel konferenza ta' dan il-progett ser issir fit-23 ta' Ottubru,

2015. Is-Sindku talab lill-kunsilliera Anton Gellel u Lawrence Attard sabiex jattendu ghal din il-laqgha. Is-Sindku informa lis-Seg. Ezekuttiv li ma xtaqx jinvolviha ghaliex hija kienet tat ir-rizenja.

**Spunt minn imejl ta'risposta li ntbaghtet minghand Isabella Testaferrata de Noto wara li din giet mitluba taghti raguni ghaliex ma kienet saret laqgha pubblika fis-sena 2013.** Dan sar minhabba li l-kunsill gie mitlub jaghti r-raguni wara li kienet saret mistoqsija parlamentari fuq dan is-suggett. Hija ddikjarat permezz ta' imejl li l-laqgha pubblika ma dan ma kienx possibli ghaliex ma li r-rapport tal-estimi annwali ma setax isir ghaliex r-records finanzjari ma kienux up to date. Sahqet ukoll li hi talbet li jsir interal audit li dan ma sarx. Is-Sindku nforma lill-kunsill li l-audit ma sarx ghaliex kien jinvolvi jinvolvi l-ispejjez. Is-Seg. Ezekuttiv staqsiet lill-Kunsill rigward laqgha pubblika ghas-sena 2015. It-twegiba tas-Sindku kienet li tiddependi jekk hi (is-Seg Ezek) kienetx ser tkun ghadha tokkupa l-pozizzjoni taghha fil-Kunsill sa meta jigi deciz li ssir laqgha pubblika.

**Imejl mid-Direttorat tal-Portijiet u Jotts rigward pjanti proposti ghal zoni tal-ghawm ghall-istagun 2016 –** Is-Sindku wera l-kopji tal-pjanti proposti lill-Kunsilliera prezenti sabiex jarawhom u jaslu ghal decizjoni ta' approvazzjoni. Wara li gew diskussi dawn il-pjanti proposti, it-tali pjanti gew approvati uninament minn dawk kollha prezenti.

**Korrispondenza minghand il-Kunsillier Eman Zerafa rigward bozza mwalla b'wire ma tower crane fi Triq ic-Centinarju tal-Parrocca u li hemm bzonn li titnehha.** Is-Sindku informa lill-Kunsillier Zerafa li t-tnehhija tal-wire bil-bozza hija r-responsabilta' ta' min ghamel it-towercrane u mhux tal-kunsill.

**Kwotazzjoni ta' Fire Safety and Ventilation Report ghall-Berga tal-Ingilterra minghand BSE Consultants Ltd mghoddija mill-Perit Claude Busuttil lill-Kunsill.** Din il-kwotazzjoni giet approvata b'mod unanimu.

**Talba minghand is-Sjra Sandra Sammut fejn qeghda titlob sabiex tbaxxi l-bankina a' spejjez taghha quddiem il-hanut li hija ser tiftah f' 79, Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur.** Il-kunsill qabel unanimament li dan il-permess jinghata.

Spunt li tqajjem mis-Sindku waqt din id-diskussjoni kien alterazzjoni tal-pjanta tal-lift ghall-Kunsill mill-MEPA. Is-Sindku nforma lill-kunsill li huwa attenda public hearing li sar il-MEPA fuq dan is-suggett. Hu nforma lill-Kunsill li hemm cans kbir li l-alterazzjoni ta' kif gej il-left ser tkun approvata.

**Imejl Elettronika lid-DLG fuq talba tal-istess dipartiment b'informazzjoni relatata ma kemm inhargu permessi mill-Kunsill Lokali u l-ammont ta'**

**flus li l-Kunsill dahhal minnhom fis-sena 2014.** Is-Sindku informa lil dawk prezenti bl-ammonti migbura mill-Kunsill mid-diversi categoriji ta' permessi li nhargu fis-sena precidenti.

**Ilment mis-Sur Emanuel** Said dwar il-problema tal-istorbju kbir li qed ikun hemm waqt il-gbir ta' skart. Dan qed jingabar bejn is-6:30am – 7:00 am, fis-2:00am jingabar dak tar-ristoranti. Permess ta' posta elettronika, il-kumpanija Realco Holdings infurmat lill-Kunsill li l-gbir ta' skart ser jibqa' fil-hinijet stabbiliti cioe' bejn is-6:30am – 7:00 am minhabba kundizzjonijiet imponuti l-MEPA.

**Kontinwazzjoni tal-Progett 'Oralities'.** Il-Kunsill ikkomferma permezz ta' posta elettronika l-interess tieghu li jerga' jippartecipa fil-progett Creative Europe Programme.

**Imejl mid-DLG rigward l-Ewwel Sejha ghal Modular Projects Under Intermeg 2014 – 2020.** L-ewwel sejha taghlaq fit-2 ta' Novembru, 2015. Is-Seg. Ezekuttiv giet mitluba sabiex tghaddi kull informazzjoni rigward dan is-suggett lil Perit Cluade Busuttil.

**Minghand AVEC –** Notifika li ser issir laqgha amministrattiva gewwa Arad, Rumanija bejn il-21 u t-22 t'Ottubru, 2015. Is-Sindku issugerixxa lill-Vici Sindku Trevor Mizzi sabiex jattendi. Fil-kaz li l-Vici Sindku ma jkunx disponibbli, jattendi membru iehor tal-Kunsill flimkien mas-Sindku.

**Sensiela ta' korrispondenza bejn il-Kunsillier Eman Zerafa u s-Sindku, is-Sur John Boxall rigward talba li saret minn Noel Castillo, f'isem l-ghaqda piroteknika 10 t'Awwissu, biex itella' attivita' fuq is-Simenta fit-8 ta' Settembru, 2015.** Is-Sindku informa lill-Kunsill li fid-dawl tal-kwistjoni li hemm rigward il-kiosk li tieghu hemm appell pendenti quddiem il-MEPA, huwa hass li kellu jagixxi b'diskretezza. Huwa ddikjara ufficcjalment li huwa qatt ma kien kontra din it-talba. Intant il-Kunsill Lokali tal-Birgu, unaninament qabel li s-Simenta tista' tigi uzatha minn kull minn jaghmel it-talba basta dan ikun one-time event.

**Skema ta' Restawr ta' Postijiet Storici.** Id-DLG innotifika lill-Kunsill li l-applikzzjoni tieghu giet skwalifikata minhabba l-fatt li l-istess kunsill diga' ibbenifika minn din l-iskema f'dawn l-ahhar tlett snin.

**Statement of Urban Improvement Fund mill-MEPA.** Il-kunsill gie infurmat li l-ammont li l-Kunsill jista' jutilizza minn dan il-fond huwa ta' €18,751.96. Is-Sindku fakkar lil dawk prezenti bit-talba li kienet saret sabiex jitwahhlu dwal fil-pitch tal-Klabb tal-Bocci, liema talba kienet giet rifjutatha minnhabba li ma kienetx taqa' taht

din l-iskema. Il-Kunsillier Gellel issugerixxa li din it-talba tigi mressqa quddiem il-Kunsill Malta ghal-Isport Is-Sindku ippropona li tinghata l-ghajnuna mehtiega. Il-membri tal-Kunsill Lokali tal-Birgu qablu b'mod unanimu mal-proposta tas-Sindku.

**Sensiela ta' Korrispondenza Elettronika bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u Frans Agius, Arts Council Malta**. Is-Sindku informa lill-kunsilliera prezenti li huwa talab lis-Sur Agius bie x jaghtih ezattament ic-cifra li kienet ser tinghata lill-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz ghas-servizz tal-armar tal-Bandieri max-xatt. Permezz ta' imejl, is-Sur Agius informa lill-kunsill li s-somma kienet ta' €250.

**Posta Elettronika minghand Matthew Dimech, sid il-bar Cafe du Brazil.** Is-Sur Dimech qieghed jilmenta li s-Sindku ma tahx permess ta' zewg pusteggi ohra ma' li ghandu ghal imwejjed u siggijiet ghall-attivitajiet tal-450 Anniversarju fil-5 u 6 ta' Settembru. Is-sindku informa lill-Kunsill li b'effett mill-15 ta' Settembru, 2015 ma kienux ser jinhargu aktar permessi. Il-Kunsillier Anton Gellel informa lill-Kunsill li l-gvern centrali kien ghadu kemm nieda dokument, liema dokument huma in favur tal-imwejjed u siggijiet barra l-istabbilimenti. Informa lill-Kunsill li dan l-ahhar, ufficcjali mil-MEPA daru diversi stabbilimenti minhabba din il-kwestjoni. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ddecieda b'mod unanimu li jinghata permess ugwalment ta' 4 mwejjed lil kull stabbiliment.

**Talba minghand l-Ghaqda Piroteknika 10 t'Awwissu ghal uzu tal-Belveder ta' Couvre Porte.** Il-membri kollha prezenti qablu unanimament sabiex jilqghu din it-talba bil-kundizzjoni li l-post jithalla' nadif. Il-Kunsillier Attard ippropona li jintalab depositu rifondabbli ta' €100 fil-kaz li jsiru xi hsarat. Il-Kunsilliera kollha prezenti qablu unaniment mal-proposta tal-Kunsillier Attard.

**Talba mill-Ghaqda Piroteknika 10 t'Awwissu sabiex fil-Birgufest 2015 jarmaw 2 bottegini, wiehed f'Misrah ir-Rebha u iehor fil-Pjazza ta' Quddiem Santa Skolastika.** Il-Kunsill Lokali tal-Birgu qabel unaninament li jilqa' it-talba tal-Ghaqda Piroteknika 10 t'Awwissu bil-kundizzjoni li jhallasu l-kirja ta' kull post mitlub, kif ukoll depositu rifondabbli ta' €100 ghal kull post ghal hsarat u hmieg li jistghu jhallu warajhom.

## Skeda ta' Pagamenti

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti. li tkopri c-cekkijiet bin-numri BOV 2607 – BOV 2642, BANIF 489592 –BANIF 489594 u HSBC 9478 – HSBC 9479. Il-Kunsill approva b'mod unanimu
l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata l-14 ta' Settembru, 2015.

---

***Il-Laqgha 8(07) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fit-8:25pm (tmienja u hamsa u ghoxrin ta' filghaxija), bil-kontinwazzjoni taghha tkun is-16 ta Settembru, 2015 fl-4:30 ta' wara nofsinhar.***

| | |
|---|---|
| Tania Belfiore | John Boxall |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

*Approvati llum* ...................................................